2025/490 18.3.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/490

## tat-18 ta’ Frar 2025

## dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, ta’ Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u tat-tliet ftehimiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(6) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta’ Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b’mod partikolari l-Artikolu 6(2) u 6(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Ġew iffirmati l-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim”) u tliet Protokolli Addizzjonali relatati, jiġifieri (a) il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2009-2014 b’konsegwenza għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-Komunità Ekonomika Ewropea, (b) il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Islanda b’konsegwenza għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea u (c) il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b’konsegwenza għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (“il-Protokolli relatati”), f’isem l-Unjoni, fil-11 ta’ April 2014, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/343/UE ([2]), soġġett għall-konklużjoni tagħhom.

(2) Il-Ftehim u l-Protokolli relatati għandhom jiġu konklużi,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perijodu 2009-2014 b’konsegwenza għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea, il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Islanda b’konsegwenza għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b’konsegwenza għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huma b’dan approvati f’isem l-Unjoni ([3]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f’isem l-Unjoni, jiddepożita l-istrumenti ta’ approvazzjoni provduti fil-Ftehim u f’kull wieħed mill-Protokolli relatati.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta’ Frar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI

([1]) Kunsens tas-16 ta’ Diċembru 2014.
([2]) ĠU L 170, 11.6.2014, p. 3.
([3]) Il-Ftehim u t-tliet Protokolli relatati ġew ippubblikati fil-ĠU L 170, 11.6.2014, p. 5, flimkien mad-Deċiżjoni wara li ġiet iffirmata.